

Domandi preliminari

- 1) Il-limiti kwantitattivi fuq ir-rilaxx għall-konsum imposti permezz tal-Artikolu 106 tal-Código dos Impostos Especiais de Consumo [il-Kodiċi dwar id-Dazji tas-Sisa] (CIEC), sa fejn għandhom bħala effett li jobbligaw lill-operaturi, fl-aħħar erba' xhur ta' kull sena, li jirrilaxxaw fis-suq kwantitajiet li ma jaqbżux dawk ekwivalenti għall-kwantità medja mensili ta' sigaretti rrilaxxati għall-konsum matul it-tmax-il xahar li jiġu eżatt qabel, jistgħu jikkostitwixxu restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni jew miżuri ta' effett ekwivalenti, fis-sens tal-Artikolu 34 TFUE?
- 2) L-issuġġettar tal-kwantitajiet ta' sigaretti li jaqbżu l-limitu kwantitattiv ta' rilaxx għall-konsum imsemmi fl-Artikolu 106 (2) tal-CIEC għat-taxxa bir-rata fis-seħħ fid-data tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' clearance, skont il-paragrafu 7 tal-istess artikolu, imur kontra r-regoli rigward l-eżiġibbiltà tad-dazji tas-sisa introdotti permezz tal-Artikoli 7 u 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KE⁽¹⁾?

⁽¹⁾ ĠU 2009, L 9, p. 12.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Paris (Franza) fl-14 ta' Frar 2022 –
Eurelec Trading SCRL vs Ministre de l'Économie et des Finances, Scabel SA, Groupement d'Achat des
Centres Édouard Leclerc (GALEC), Association des Centres distributeurs Édouard Leclerc (ACDLEC)**

(Kawża C-98/22)

(2022/C 198/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: Eurelec Trading SCRL

Appellati: Ministre de l'Économie et des Finances, Scabel SA, Groupement d'Achat des Centres Édouard Leclerc (GALEC), Association des Centres distributeurs Édouard Leclerc (ACDLEC)

Domanda preliminari

Il-kwistjonijiet "ċivili u kummerċjali" iddefiniti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li jinkludu, fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, azzjoni – u d-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fl-eżitu tagħha – (i) imressqa mill-Ministru Franċiż għall-Ekonomija u għall-Finanzi abbażi ta' (dak li kien) il-punt 2 tal-Artikolu L. 442-6(l) tal-Kodiċi Kummerċjali Franċiż kontra kumpannija Belġjana, (ii) intiża għall-konstatazzjoni u għall-istabbiliment ta' prattiki li jirrestrinġu l-kompetizzjoni u għall-kundanna tal-allegat awtur ta' dawn il-prattiki għal multa ċivili, (iii) abbażi ta' provi miksuba permezz tas-setgħat investigattivi speċifiċi tagħha?

⁽¹⁾ ĠU 2012, L 351, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz (l-Awstrija)
fit-28 ta' Frar 2022 – TLL The Longevity Labs GmbH vs Optimize Health Solutions_{mi} GmbH u BM**

(Kawża C-141/22)

(2022/C 198/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz